StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**
**1.** It-test li jinqara.
**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.
**3.** Riga u lapes.

**Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.**

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li se:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Tinqralhom l-istorja ***Kemmuna***. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Jinqrawlhom il-mistoqsijiet kollha, darba biss. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Tinqralhom l-istorja għat-tieni darba. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Tinqralhom l-ewwel parti tal-istorja darbtejn. | **3 minuti** |
| **5** | ▪ L-istudenti jwieġbu l-mistoqsijiet **1-6 (Taqsima A)**. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Tinqralhom it-tieni parti tal-istorja darbtejn. | **3 minuti** |
| **7** | ▪ L-istudenti jwieġbu l-mistoqsijiet **7-12 (Taqsima A)**. | **3 minuti** |
| **8** | ▪ Tinqralhom l-istorja kollha għat-tielet darba waqt li jwieġbu l-mistoqsijiet **1-2 (Taqsima B)**. | **4 minuti** |
| **9** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw tweġiba waħda biss. | **5 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

# Kemmuna

## *L-Ewwel Parti*

1. F'Mejju li għadda, iz-zija xtaqet toħodni fuq il-gżira ta' Kemmuna. Semgħet lil sħabha jgħidu kemm ħadu gost meta marru Kemmuna u ddeċidiet li tmur u toħodni magħha.

2. Iz-zija m'għandhiex karozza u qaltli li se mmorru Kemmuna b'tal-linja. Għalhekk kellna nqumu kmieni u ma tantx ħadt pjaċir għall-ewwel.

3. Jien qatt ma kont mort Kemmuna u ma kontx naf eżatt fejn tinsab. Kont smajt li teżisti meta l-għalliema kellmitna fuq il-Gżejjer Maltin waqt il-lezzjoni tal-Istudji Soċjali.

4. Fittixt fil-mappa ta' Malta u sibt li bejn Malta u Kemmuna hemm il-baħar u b'hekk tal-linja ma tasalx s'hemm. Kienet twassalna biss sal-Marfa.

5. **Ridt intir bil-ferħ** għax ħsibt li biex naslu Kemmuna se naqbdu vapur kbir u sabiħ jew forsi xi ħelikopter!

## *It-Tieni Parti*

1. Il-jum wasal u z-zija qajmitni fil-ħamsa ta' filgħodu. Ilbist **f'ħakka t'għajn** u xrobt il-kikkra te li lestietli.

2. Ħadna żewġ basktijiet. Wieħed bl-ikel u l-ieħor b'xi ħwejjeġ u xugamani. Kien hemm ħafna nies jistennew biex jirkbu l-karozza. Jiena ħsibt li ser inkunu waħidna daqs kemm qomna kmieni.

3. Fil-ħin li qattajna fuq tal-linja bdejt nimmaġina kif setgħet tkun Kemmuna. Tgħid hemm il-foresti u x-xmajjar jew annimali li qatt ma kont rajt qabel?

4. Wasalna l-Marfa u minflok ħelikopter sibna dgħajsa ċkejkna titbandal. Sakemm telgħet fuqha z-zija, mgħobbija kif kienet, għal daqsxejn ma waqgħetx il-baħar!

5. Stagħġibt **xħin intbaħt** li Kemmuna kienet dik il-blata li tidher mill-Marfa. U la fiha foresti u lanqas xmajjar! Lanqas fejn tistkenn mix-xemx m'hemm. Ma nafx għalfejn isemmuha daqshekk in-nies!

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. L-Ewwel Parti. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fl-istorja.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Meta marru Kemmuna l-awtur u zitu? | | F'Marzu. |
| | | | F'Mejju. |
| | | | Fix-xitwa. |
| | | | Fis-sajf. |
| | | | |
| **2.** | Iz-zija ħajret tmur Kemmuna għax | | rat riklam fuq it-televixin. |
| | | | qrat artiklu fil-gazzetta. |
| | | | ħajruha sħabha. |
| | | | kienet diġà marret qabel. |
| | | | |
| **3.** | L-awtur u zitu marru Kemmuna | | bit-trakk taz-ziju. |
| | | | bil-karozza tal-linja. |
| | | | bil-mutur. |
| | | | bil-ħelikopter. |
| | | | |
| **4.** | L-awtur mar ifittex dwar Kemmuna | | fl-internet. |
| | | | fil-mappa ta' Malta. |
| | | | fil-mappa tad-dinja. |
| | | | fi ktieb tal-iskola. |
| | | | |
| **5.** | L-awtur ħaseb li biex jaslu Kemmuna kienu se jirkbu | | ajruplan. |
| | | | vapur kbir. |
| | | | jott. |
| | | | kenura. |
| | | | |
| **6. *** | **ridt intir bil-ferħ** tfisser | | ridt intir bil-ħelikopter. |
| | | | ħassejt ferħ kbir. |
| | | | tirt mar-riħ. |
| | | | kien riħ qawwi. |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. It-Tieni Parti.  Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fl-istorja.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | Iz-zija qajmitu | | fis-sitta ta' filgħaxija. |
| | | | fil-ħamsa ta' filgħodu. |
| | | | għal xi d-disgħa. |
| | | | fil-ħamsa ta' waranofsinhar. |
| | | | |
| **8.** | Il-basktijiet li ħadu magħhom kien fihom | | ħwejjeġ u ikel. |
| | | | ikel u xorb. |
| | | | xugamani u luminata. |
| | | | lożor u tazzi. |
| | | | |
| **9.** | Biex waslu Kemmuna mill-Marfa? | | B'dgħajsa żgħira. |
| | | | Bil-vapur. |
| | | | Bil-ħelikopter. |
| | | | Bl-ajruplan. |
| | | | |
| **10.** | Kemmuna | | mimlija xmajjar u foresti. |
| | | | fiha l-iljuni u l-iljunfanti. |
| | | | gżira ikbar minn Malta. |
| | | | żgħira u kien jilmaħha mill-Marfa. |
| | | | |
| **11. *** | **f'ħakka t'għajn** tfisser | | meta tħokk għajnejk. |
| | | | qatt. |
| | | | bil-mod. |
| | | | f'daqqa waħda. |
| | | | |
| **12. *** | **xħin intbaħt** tfisser | | kemm sar ħin! |
| | | | xħin indunajt. |
| | | | xħin qomt. |
| | | | x'ħin sar? |
| | | | |

**Ċ. Fuq l-istorja kollha. Wieġeb dawn skont l-istorja li smajt.** **(5 marki)**

**1. Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

**a.** Dakinhar filgħodu, l-awtur **(baqa' rieqed  JEW  qam kmieni)**.

**b.** Meta rikbu fuq id-dgħajsa, min kien se jaqa'? **(L-awtur  JEW  Iz-zija)**.

**2. Imla l-vojt:**

**a.** Bejn Malta u Kemmuna hemm ____________________.

**b.** L-awtur mar Kemmuna ma' ____________________.

**ċ.** Kemmuna hija ____________________.

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

**L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________**

| **Is-Smigħ** | **Il-Marki** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **20 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki. Il-bqija fihom marka l-waħda.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. L-Ewwel Parti

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fl-istorja.** **(7 ma**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Meta marru Kemmuna l-awtur u zitu? | | F’Marzu. |
| | | | F’Mejju. |
| | | | Fix-xitwa. |
| | | | Fis-sajf. |
| | | | |
| **2.** | Iz-zija tħajret tmur Kemmuna għax | | rat riklam fuq it-televixin. |
| | | | qrat artiklu fil-gazzetta. |
| | | | ħajruha sħabha. |
| | | | kienet diġà marret qabel. |
| | | | |
| **3.** | L-awtur u zitu marru Kemmuna | | bit-trakk taz-ziju. |
| | | | bil-karozza tal-linja. |
| | | | bil-mutur. |
| | | | bil-ħelikopter. |
| | | | |
| **4.** | L-awtur mar ifittex dwar Kemmuna | | fl-internet. |
| | | | fil-mappa ta’ Malta. |
| | | | fil-mappa tad-dinja. |
| | | | fi ktieb tal-iskola. |
| | | | |
| **5.** | L-awtur ħaseb li biex jaslu Kemmuna kienu se jirkbu | | ajruplan. |
| | | | vapur kbir. |
| | | | jott. |
| | | | kenura. |
| | | | |
| **6. *** | **ridt intir bil-ferħ** tfisser | | ridt intir bil-ħelikopter. |
| | | | ħassejt ferħ kbir. |
| | | | tirt mar-riħ. |
| | | | kien riħ qawwi. |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. It-Tieni Parti.**

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fl-istorja.** **(8 ma**

StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | Iz-zija qajmitu | | fis-sitta ta' filgħaxija. |
| | | | fil-ħamsa ta' filgħodu. |
| | | | għal xi d-disgħa. |
| | | | fil-ħamsa ta' waranofsinhar. |
| | | | |
| **8.** | Il-basktijiet li ħadu magħhom kien fihom | | ħwejjeġ u ikel. |
| | | | ikel u xorb. |
| | | | xugamani u luminata. |
| | | | ložor u tazzi. |
| | | | |
| **9.** | Biex waslu Kemmuna mill-Marfa? | | B'dgħajsa żgħira. |
| | | | Bil-vapur. |
| | | | Bil-ħelikopter. |
| | | | Bl-ajruplan. |
| | | | |
| **10.** | Kemmuna | | mimlija xmajjar u foresti. |
| | | | fiha l-iljuni u l-iljunfanti. |
| | | | gżira ikbar minn Malta. |
| | | | żgħira u kien jilmaħha mill-Marfa. |
| | | | |
| **11. *** | **f'ħakka t'għajn** tfisser | | meta tħokk għajnejk. |
| | | | qatt. |
| | | | bil-mod. |
| | | | f'daqqa waħda. |
| | | | |
| **12. *** | **xħin intbaħt** tfisser | | kemm sar ħin! |
| | | | xħin indunajt. |
| | | | xħin qomt. |
| | | | x'ħin sar? |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Fuq l-istorja kollha.**

**Wieġeb dawn skont l-istorja li smajt.** **(5 m**

StudentBounty.com

**1. Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

**a.** Dakinhar filgħodu, l-awtur **(baqa' rieqed JEW qam kmieni)**.

**b.** Meta rikbu fuq id-dgħajsa min kien se jaqa'? **(L-awtur JEW Iz-zija)**.

**2. Imla l-vojt:**

**a.** Bejn Malta u Kemmuna hemm ____________________.

**b.** L-awtur mar Kemmuna ma' ____________________.

**ċ.** Kemmuna hija ____________________.

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u kwart** |

**L-isem u l-kunjom: ____________________________** **Il-klassi: ______________**

| Il-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

## Għall-istudent/a:

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Il-Qari** **(20 m**

**Aqra sewwa din l-istorja fuq:**

# Jum l-Isport f’Belt il-Ħbieb

Sebaħ. Is-serduq bakkar. Tela’ fuq ċint għoli u beda jqajjem lil kulħadd. “Ix-xemx tielgħa!” beda jidden waħda f’waħda. “Qumu, isa, qumu!” **(par. 1)**



Riħun, żiemel żgħir iswed, fetaħ għajnejh u beda jaħseb fuq l-istorbju tas-serduq. Riħun dar lejn ommu Żiffa u staqsieha x’kellu speċjali dak il-jum. “Isa, ħaffef, mela nsejt? Illum jum l-isport fil-belt tagħna,” fakkritu ommu b’daħqa fuq wiċċha. **(par. 2)**

Riħun ħareġ sparat mill-istalla. B’ġirja waħda wasal fil-pjazza l-kbira fejn kellu jsir il-logħob. Baqa’ jħares ċass madwaru għax qatt ma kien ra l-pjazza mżejna daqshekk. Kull fejn tħares bnadar kbar u sbieħ iperpru mar-riħ. Fin-nofs kien hemm ċirku magħluq b’ħabel fejn kellu jsir il-logħob. Fil-ġenb kien hemm palk għoli armat bi drapp aħmar u fjuri friski. “Hemm se joqgħod ir-Re Ljun,” ħaseb Riħun. F’nofs il-palk ra mejda kbira mimlija tazzi u medalji tad-deheb ileqqu fix-xemx. “Kemm huma sbieħ!” **qal f’qalbu** Riħun. Min jaf meta se nirbaħ xi waħda jien? Iġri nikber!” **(par. 3)**

Ftit wara, il-pjazza mtliet bl-annimali. Kulħadd kien liebes beritta jew kappell minħabba x-xemx. Erba’ xadini mqarbin telgħu fuq il-ħadid ta’ wara u bdew ixejru l-bnadar tat-tim tagħhom. **(par. 4)**

L-ewwel logħba kienet dik tal-ġbid tal-ħabel. Kienu ħafna t-timijiet li ħadu sehem fiha. Ħadd ma seta’ jirbaħ lit-tim ta’ Mambo l-iljunfant. Mambo ntefa’ fuq wara qisu blata kbira u ma seta’ jċaqalqu ħadd. **(par. 5)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

It-tieni logħba kienet itqal. L-annimali kellhom jimmiraw u jixħtu l-frott g[illegible] imdendla mas-siġar. Kien hemm uħud li rnexxielhom imma ħafna bdew j[illegible] qalbhom. Ix-xadini ħaddmu rashom u qabdu jieklu l-banana. "Aħjar ġo żaqqi m[illegible] fil-basket jew fl-art!" għajjat Kiku x-xadin bid-daħka. **(par. 6)**

U hekk, logħba wara l-oħra, waħda isbaħ mill-oħra, għal Riħun għaddiet l-aqwa ġurnata tas-sena! Filgħaxija nxteħet għajjien mejjet u ħolom li rebaħ kull logħba li saret f'Jum l-Isport ta' Belt il-Ħbieb! **(par. 7)**

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. L-ewwel waħda lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | L-istorja li qrajt hija fuq | żiemel żgħir. | ✓ |
| | | iljunfant. | |
| | | xadina. | |
| | | | |
| **b.** | Iż-żiemel tal-istorja kien jismu | Mambo. | |
| | | Riħun. | |
| | | r-Re Ljun. | |
| | | | |
| **ċ.** | Is-serduq tela' jidden fuq | il-bejt tad-dar. | |
| | | il-palk tal-pjazza. | |
| | | ċint għoli. | |
| | | | |
| **d.** | Fin-nofs tal-pjazza kien hemm | il-post għal-logħob. | |
| | | il-post tar-Re Ljun. | |
| | | il-mejda bit-tazzi u l-medalji. | |

**(marka x 3)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda lesta.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | **Il-pjazza kienet armata** | | mimlija tazzi u medalji għar-rebbieħa. |
| 2. | Il-palk tar-Re Ljun kien fl-għoli u | | libes xi ħaġa f'rasu. |
| 3. | Riħun ħa gost iħares lejn il-mejda | | miksi bid-drapp u l-fjuri. |
| 4. | Minħabba li kienet ix-xemx, kulħadd | | ixejru l-bnadar. |
| 5. | Ix-xadini mqarba telgħu fuq il-ħadid | 1. | **bi bnadar kbar u sbieħ.** |

**(marka x 4)**

**3. Sib u ikteb l-isem skont l-istorja. L-ewwel waħda lesta.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Min mexxa t-tim li rebaħ il-logħba tal-ġbid tal-ħabel? | Mambo |
| b. | Min ħolom li rebaħ il-logħbiet kollha waħdu? | ________________ |
| ċ. | Min kiel il-banana flok tefagħha fil-basket? | ________________ |
| d. | Min kien jikkmanda f'Belt il-Ħbieb? | ________________ |
| e. | X'kien jisimha omm Riħun? | ________________ |

**(marka x 4)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi billi tagħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa t' taħt. Hemm kelma żejda li ma tridx tintuża. L-ewwel waħda lesta.**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **palk** | **~~pjazza~~** | **friski** | **ċirku** | **ileqqu** | **drapp** | **jixxennaq** |

Il-logħob sar fil-**pjazza**. F'nofsha għamlu _______________ mdawwar b'ħabel biex ma jidħol ħadd. Il-palk tar-Re kien armat bi _______________ aħmar u fjuri _______________. Il-medalji bdew _______________ u Riħun qagħad iħares lejhom u _______________ għalihom!

**(marka x 5)**

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

**a.** Fisser fi kliemek: **"qal f'qalbu"**? **(par. 3)**

_______________________________________________

**(2 marki)**

**b.** Għaliex taħseb li Jum l-Isport kien l-isbaħ jum tas-sena għal Riħun?

_______________________________________________

**(2 marki)**

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Il-Grammatika** **(10 …**

**1. Aqra l-istorja u aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda lesta.**



Albert u oħtu Lara jħobbu jmorru għand **(il-kuġin / kuġini / <u>il-kuġini</u>)** tagħhom, Andrè u Isabel. Andrè u Isabel huma (**żewg / zewġ / żewġ)** aħwa. **(Huwa / huma / Huma)** jieħdu pjaċir jilagħbu flimkien.

Ġieli jiġi **(il-ħabiba / l-ħabib / il-ħabib)** tagħhom Sandro. Darba waħda **(t-tfal / s-subien / l-bniet)** għamlu tellieqa fil-ġnien. Sandro ġie l-ewwel u tgħidx kemm **(qabez / qabeż / qabes)** bil-ferħ!

**(marka x 5)**

**2. Aqra l-istorja u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**



Il-Ħadd Marta u Anna marru għand iz-**ziju** Manwel. Iz-ziju jġemma' l-bolol u għandu **40** album. Għandu **bolol** ta' kull **pajjiż**, imma l-iktar li jħobb huma dawk ta' Malta.

**a.** Mill-istorja sib u ikteb **nom komuni**: <u>album</u>

**b.** Mill-istorja sib u ikteb **nom propju**: ______________________________

**ċ.** Mill-istorja sib u ikteb **verb**: ______________________________

**d.** Agħti l-**femminil** ta' **ziju**: ______________________________

**e.** Agħti s-**singular** ta' **bolol**: ______________________________

**f.** Ikteb fi kliem **40**: ______________________________

**(marka x 5)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. Il-Kitba (30 m[illegible])

**1. Iz-zija ċemplet id-dar u weġibtha int. Qaltlek li l-grupp tat-tfal "Kwiekeb Żgħar" se jtella' reċta għat-tfal. Imla l-vojt tal-messaġġ t'hawn taħt bid-dettalji li tatek fit-telefonata biex int tgħaddih lil sħabek tal-klassi.**

| | |
|---|---|
| ______________________________ | ← **X'jisimha r-reċta?** |
| Il-grupp ______________________ | ← **X'jismu l-grupp?** |
| se jtella' reċta | |
| nhar __________________________. | ← **Meta se ssir?** |
| Din se ssir | |
| ______________________________. | ← **Fejn se ssir?** |
| fis-7.30 ta' filgħaxija. | |
| Il-biljetti jiswew ________ ewro | ← **Ikteb 2 fi kliem.** |
| u jinxtraw mingħand | |
| ______________________________. | ← **Semmi post wieħed.** |

**(6 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Ikteb żewġ sentenzi fuq x'qed tara fl-istampa t'hawn taħt.**



**a.** ______________________________________________

**b.**______________________________________________

**(4 marki)**

**3. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli. (20 marka)**

**a. Biex inħobb nilgħab.**

*Biex tħobb tilgħab? Fejn? Ma' min? Għaliex?*

**b. Ġurnata l-baħar.**

*Fejn mort tgħum? Ma' min mort? X'ħadt miegħek? X'għamilt?*

**ċ. Post li jogħġobni f'Malta jew Għawdex.**

*Liema hu dan il-post? Fejn qiegħed? Għaliex jogħġbok ħafna? X'għandu interessanti?*

**d. Dħalt ġo għar u ...**

*Fejn kien l-għar? Għaliex mort hemm? Ma' min mort hemm? X'ġara?*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel pjan għall-kitba tiegħek. (bla marki)**

**It-titlu: ________ (Ikteb ittra a, b, ċ jew d)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**- Tmiem il-Karta -**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers